



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Frar 2024
(OR. en)

6291/24
ADD 6

CLIMA 56
ENV 141
ENER 57
TRANS 50
AGRI 78
ECOFIN 148
COMPET 140
IND 63
MI 136
IA 42

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Frar 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2024) 64 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Niżguraw il-futur tagħna ll-mira klimatika Ewropea għall-2040 u l-perkors għan-newtralità klimatika sal-2050aħna u nibnu soċjetà sostenibbli, prospera u ġusta

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument SWD(2024) 64 final.

Mehmuż: SWD(2024) 64 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 6.2.2024
SWD(2024) 64 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Niżguraw il-futur tagħna

**Il-mira klimatika Ewropea għall-2040 u l-perkors għan-newtralità klimatika sal-
2050aħna u nibnu soċjetà sostenibbli, prospera u ġusta**

{COM(2024) 63 final} - {SEC(2024) 64 final} - {SWD(2024) 63 final}

Sommarju eżekuttiv tal-valutazzjoni tal-impatt

Li nżommu mal-limitu ta' tisħin globali ta' 1,5 °C, kif jistipula l-Ftehim ta' Pariġi, jirrikjedi li l-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) jilhqgħu l-livell ta' żero netti, globalment, sal-bidu tas-sinjura tas-seklu li qegħdin fih. Il-baġit globali tal-karbonju⁽¹⁾ li fadal qed jonqos b'rata mgħaġġla ħafna, u b'hekk qed iżid ir-riskji li jintlaħqu punti kritiċi irriversibbli fis-sistema klimatika, b'konsegwenzi mhux magħrufa u potenzjalment katastrofiċi għall-bnedmin u għall-ekosistemi. Huwa essenzjali li titħaffef l-azzjoni biex jiġu evitati dawn il-konsegwenzi.

Il-liġi Ewropea dwar il-Klima tagħti mandat lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta leġiżlattiva, kif xieraq, għal mira klimatika għall-UE kollha għall-2040 fi żmien 6 xhur mir-rendikont globali skont il-Ftehim ta' Pariġi. Ir-rendikont globali tlesta fil-Konferenza tal-Partijiet f'Diċembru 2023. L-għan tal-inizjattiva koperta minn din il-valutazzjoni tal-impatt huwa li tiġi implimentata l-Liġi Ewropea dwar il-Klima, li tistabbilixxi fil-liġi l-impenn tal-UE li ssir newtrali għall-klima sal-2050 u l-mira klimatika tal-UE għall-2030 li jitnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (GHG) b'mill-inqas 55 % fl-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

Il-mira għall-2040 se tagħti sura wkoll lill-kontribut futur stabbilit fil-livell nazzjonali (NDC) tal-UE għal wara l-2030 li l-Partijiet kollha għall-Ftehim ta' Pariġi jridu jippreżentaw lill-UNFCCC sal-2025 (skont l-Artikolu 4(9) tal-Ftehim). Il-mira klimatika għall-2040 se tistabbilixxi l-pass biex jitnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra fl-UE kollha matul l-2030-2050 fuq perkors ta' tranżizzjoni effettiv u ġust lejn in-newtralità klimatika sal-2050.

Il-valutazzjoni tal-impatt hija bbażata fuq konsultazzjonijiet pubbliċi u mal-partijiet ikkonċernati, analiżi estensiva tal-impatti fuq is-sistema tal-enerġija, is-settur tal-artijiet, l-emissjonijiet mhux tad-CO₂ u l-ekonomija, kif ukoll fuq skambji ma' Direttorati Ġenerali ta' politiki relatati permezz ta' Grupp ta' Bejn is-Servizzi.

Dan iħares lejn ħames għażliet għall-mira tal-2040, biex tiġi kkunsidrata l-medda sħiħa ta' livelli netti possibbli ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Il-valutazzjoni tnaqqas l-għażliet fi stadju bikri għal tlieta, b'valutazzjoni dettaljata skont is-settur tal-azzjoni meħtieġa biex tintlaħaq in-newtralità klimatika sal-2050. L-għażliet huma li tiġi stabbilita l-mira għall-2040 biex jitnaqqsu l-emissjonijiet billi:

- sa 80 % (Għażla 1), konsistenti mat-trajettorja "lineari" ta' GHGs netti bejn l-2030 u l-2050 imsemmija fil-Liġi dwar il-Klima (l-Artikolu 8);
- żewġ għażliet li huma konsistenti mal-medda ta' xenarji xjentifiċi kompatibbli mal-għan li tintlaħaq il-mira stabbilita fil-Ftehim ta' Pariġi, dik li t-temperatura ma togħliex iktar minn 1,5 °C:
 - o mill-inqas 85 % (Għażla 2) li jikkorrispondi għal medda ta' tnaqqis ta' 85-90 %;
 - o mill-inqas 90 % (Għażla 3) li jikkorrispondi għal medda ta' tnaqqis ta' 90-95 %.

⁽¹⁾ IPCC. Stima tal-emissjonijiet antropoġeniċi globali netti kumulattivi tad-CO₂ minn data preċiża sa meta l-emissjonijiet antropoġeniċi tad-CO₂ jiġu żero netti, li jwassal biex jitrażżan it-tisħin globali għal livell partikolari.

L-Għażla 2 tirrifletti l-emissjonijiet netti totali ta' gassijiet serra li jintlaħqu b'kontinwazzjoni tal-qafas ta' politika attwali, u b'hekk isservi bħala l-livell fil-mira "bażi".

Din il-valutazzjoni tal-impatt tħares lejn kif dawn it-tliet għażliet jitqabblu f'termini tal-effettività tagħhom fil-kisba tat-tiri li ġejjin:

- il-gassijiet b'effett serra tal-UE jiġu zero netti sal-2050;
- ikun minimizzat l-kontribut tal-UE għat-tibdil fil-klima;
- tiġi garantita tranżizzjoni ġusta;
- tinżamm il-kompetittività fit-tul tal-ekonomija tal-UE;
- jiġi promoss l-użu mifrux tat-teknoloġiji meħtieġa għat-tranżizzjoni;
- l-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista u l-awtonomija strateġika tal-UE; u
- jintlaħqu l-għanijiet usa' tal-politika ambjentali tal-UE.

L-analiżi tkopri s-setturi kollha meħtieġa biex l-UE tilħaq il-mira tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050. Hija bbażata fuq il-leġislazzjoni tal-Patt Ekoloġiku u l-azzjonijiet tar-REPowerEU biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-enerġija.

L-inizjattiva ma tippromponi u lanqas ma tivvaluta l-qafas ta' politika dwar l-enerġija u l-klima għal wara l-2030. Dan il-qafas futur se jiġi żviluppat u vvalutat fis-snin li ġejjin biex tintlaħaq il-mira tal-2040.

Id-differenza ewlenija bejn l-għażliet hija fil-pass tat-tranżizzjoni. L-Għażla 3 hija l-aktar effettiva biex l-UE tilħaq in-newtralità klimatika sal-2050, bi tnaqqis akbar fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra qabel l-2040. Għaldaqstant, din iġġib magħha inqas ħtieġa ta' aktar azzjonijiet wara l-2040 biex jintlaħqu emissjonijiet zero netti sal-2050.

L-Għażla 3 twassal għall-aktar emissjonijiet kumulattivi baxxi ta' gassijiet serra (il-"baġit tal-GHG") għall-UE, u għaldaqstant hija l-aħjar għażla f'termini tal-kontribut tal-UE biex tillimita t-tibdil fil-klima u biex tagħti l-aktar spinta kredibbli lis-sħab li l-UE għandha madwar id-dinja biex jaċċelleraw l-azzjoni klimatika. Billi tinkoraġġixxi azzjoni bikrija, hu mistenni li din tkun l-għażla bl-akbar impatt biex tnaqqas l-emissjonijiet globali, u biex jikber il-prospett li t-tisħin jibqa' ma jaqbiżx il-1,5 °C — hekk niggarantixxu l-inqas tfixkil possibbli lill-ekonomiji kollha, inkluż billi nilqgħu kontra r-riskju li l-klima tilħaq punti kritiċi irrversibbli.

Hemm differenza ċara bejn l-għażliet fil-mira f'termini tal-importanza ta' teknoloġiji ġodda. L-Għażla 3 hija akkumpanjata minn introduzzjoni aktar rapida minn dik fl-Għażla 2 tat-teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, bħall-produzzjoni tal-idroġenu bl-elettroliżi, il-qbid tal-karbonju u l-assorbimenti industrijali tal-karbonju bejn l-2031 u l-2040. L-Għażla 1 tipposponi fil-biċċa l-kbira l-implimentazzjoni ta' dawn it-teknoloġiji għall-aħħar għaxar snin 2041-2050.

L-Għażla 3 tirrikjedi ħtiġijiet ta' investiment annwali ogħla fl-2031-2040 mill-Għażliet 1 u 2, u mbagħad investiment komparattivament aktar baxx fl-2041-2050. Dawn jirriżultaw f'differenzi limitati ħafna f'termini tal-kost totali tas-sistema tal-enerġija, il-PDG u l-kompetittività fuq l-ishma globali tal-esportazzjoni, filwaqt li l-mira tal-Għażla 3 turi l-akbar benefiċċji f'termini ta' indipendenza enerġetika u protezzjoni akbar kontra x-xokkijiet fil-prezzijiet tal-fjuwils fossili, filwaqt li ssaħħa l-awtonomija strateġika tal-UE. L-għażliet kollha jwasslu għal titjib qawwi fil-kwalità tal-arja u għall-benefiċċji tas-saħħa assoċjati, u jillimitaw l-impatti ambjentali.

B'mod ġenerali, l-Għażla 3 hija aktar effiċjenti, b'benefiċċji netti oġġla meta tiġi biex tevita t-tibdil fil-klima u t-tniġġis tal-arja minflok ma żżid mal-kostijiet biex jittaffa t-tibdil fil-klima.

L-Għażla 3 se tirrikjedi fokus u azzjoni akbar mill-għażliet l-oħra biex tiggarantixxi tranżizzjoni ġusta minħabba li hija aktar ambizzjuża minnhom — fl-Għażla 3 t-tranżizzjoni hija kemxejn aċċellerata. Madankollu, iż-żieda fil-kostijiet għall-unitajiet domestiċi meta mqabbla mal-“linja bażi” fl-Għażla 2 hija żgħira, u din il-valutazzjoni ma tqisx miżuri ta' politika jew miżuri ridistributtivi li jaf ikollhom jiġu żviluppati biex jindirizzaw l-impatti soċjali.

L-analiżi turi l-potenzjal għal azzjonijiet min-naħa tad-domanda, bħal bidliet fl-imġiba fl-ikel, iċ-ċirkolarità u l-mobbiltà (bħal fl-analiżi LIFE), biex jikkomplementaw it-tranżizzjoni min-naħa tal-provvista (kif muri fix-xenarji ewlenin), u biex jitnaqqsu l-kostijiet għas-soċjetà biex tintlaħaq il-mira tal-2040: it-tnaqqis tal-kostijiet tas-sistema tal-enerġija, il-ħtieġa għal investiment f'teknoloġiji (ġodda), u riskji ambjentali (eż. marbuta ma' domanda oġġla għall-bijoenerġija).

Il-partijiet ikkonċernati li wieġbu għall-konsultazzjoni pubblika wrew l-għarfien tagħhom dwar il-problemi indirizzati u esprimew appoġġ ċar għall-għażliet fil-mira tal-2040, f'konformità ma' daww analizzati f'din il-valutazzjoni tal-impatt. L-istabbiliment tal-mira ta' 90 % jew aktar irċieva appoġġ qawwi minn individwi (46 %) u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (63 %). Il-biċċa l-kbira tan-negozji appoġġaw mira ta' aktar minn 80 % (39 %), imqassma kif ġej bejn tnaqqis ta' bejn 80 % u 90 % (23 %) u tnaqqis ta' aktar minn 90 % (16 %), imma kien hemm inqas appoġġ għal tnaqqis ta' 75-80 % (29 %). L-organizzazzjonijiet tar-riċerka tqassmu bejn mira ta' bejn 80-90 % u mira ta' aktar minn 90 % (35 % kull wiehded).

Għalhekk, il-valutazzjoni tal-impatt tikkonkludi li l-għażla ppreferuta hija l-Għażla 3, mira ta' tnaqqis nett ta' 90-95 % tal-gassijiet serra fl-UE sal-2040. Hija konformi mal-parir tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima. Din tipprovdi l-aħjar bilanċ bejn, minn naħa waħda, l-ambizzjoni klimatika u kontribut għal sehem ġust mill-baġit globali tal-karbonju biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-temperatura, u min-naħa l-oħra, il-fattibbiltà finanzjarja u teknoloġika.

Il-benefiċċji li ġġib magħha l-Għażla 3 jikkompensaw għad-differenzi żgħar bejnha u l-Għażla 2, il-linja bażi, u l-Għażla 1 fejn tidħol l-effettività rigward it-tranżizzjoni ġusta, il-kompetittività, il-kompromessi ambjentali li jista' jkunu meħtieġa jew il-provvista ta' materja prima kritika. Dawn huma kompromessi li jistgħu jiġu indirizzati u mmitigati mill-qafas li jmiss dwar il-klima u l-enerġija u l-qafas ġenerali ta' abilitazzjoni.

It-tranżizzjoni se tikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-UE minn xokkijiet li jirriżultaw minn avvenimenti ġeopolitiċi u frammentazzjoni globali, b'mod partikolari billi tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u ttejjeb is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tagħha. Is-sigurtà tal-provvista tal-materja prima kritika jeħtieġ tiġi mmonitorjata u antiċipata. Se jkun essenzjali li t-tranżizzjoni tiġi ġestita b'mod effettiv biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tal-unitajiet domestiċi u l-kompetittività tal-industrija Ewropea.